11 ta' Diċembru, 1967

**Imħallfin**

S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President

Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President

Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Albert Mizzi nomine

*versus*

Richard Soler nomine

**Responsabilità — Danni — Merkanzija — Magazinaġġ taħt it-Tined — Kontrollur tad-Dwana.**

*Merkanzija sbarkata fit-tined jew fuq il-moll ma tistax tingħad li tkun fil-kustodja tal-Kontrollur tad-Dwana, b'mod illi rigward tagħha, hu jkollu l-obbligi ta' depositarju. Dawn il-postijiet huma provduti biex jiffaċilitaw l-aġenti tal-vapuri u lill-importaturi u għalhekk l-avviż tal-Gvern tal-1909 b'liema huwa ddikjarat li mhux ser ikun responsabbli għall-kustodja ta' merkanzija hekk maħtuta hija legali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li biha l-attur nomine — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — premess li fl-4 ta' Ottubru,, 1964 mal-S.S. Osiris l-attur importa f'Malta partita ħalib tal-bott (tinned milk) konsistenti f'elfejn u seba' mitt (2700) kaxxa ta' 48 bott il-waħda; u premess li din il-merkanzija ġiet skarikata u kollokata fil-Veranda tal-Gvern li tinsab taħt il-kontroll u kura tal-konvenut nomine; u premess li s-saqaf tal-veranda fejn kienet din il-merkanzija joqtor u daħlet kwantità ta' xita minnu b'mod li ġew imxarbin bl-ilma 98 kaxxa li ġrat-ilhom ħsara b'dan it-tixrib; talab lill l-konvenut nomine għar-raġunijiet fuq imsemmija, (1) jiġi dikjarat responsabbli għad-danni sofferti mill-attur nomine fil-merkanzija fuq imsemmija li ġrat bi ħtija, negliġenza jew nuqqas tal-konvenut nomine; (2) jiġi kundannat jħallas lill-attur dak l-ammont li jiġi likwidat bħala danni, okkorrendo permezz ta' periti, konsistenti f'telf fil-valur u fil-qligħ; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest uffiċjali tal-5 ta' Novembru, 1964, kontra l-konvenut nomine.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal illi f'kwalsiasi każ il-konvenut fil-karika tiegħu ta' Kontrollur tad-Dwana ma jistax ikun tenut responsabbli tad-danni pretiżi; illi in subordine u bla preġudizzju l-esponent ma għandux ir-responsabbilità tal-merkanzija relativa u effettivament ebda "store-rent" ma jitħallas mill-importatur; illi fil-meritu kif anki jirriżulta mir-"readings' tal-Meteorological Office tar-Royal Air Force, Malta, ftit li xejn gnamlet xita fil-perjodu illi dik il-merkanzija kienet fil-verandah u għalhekk id-domandi atturi huma anki infondati fil-fatt;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' April, 1967 li biha t-talbiet ta' l-attur ġew miċħudin bl-ispejjeż, wara li kkunsidrat —

Omissis.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata u t-talbiet tiegħu jiġu milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tisthoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Il-kwistjoni tirrigwarda pretensjoni ta' danni dwar ħsara li jingħad li ġrat f'merkanzija ta' l-appellant imqiegħda taħt il-Veranda tal-Gvern magħrufa bħala "Roncun R.C." il-Marsa. Din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'bottijiet ta' ħalib, li kienu f'kaxxi ta' 48 bott il-waħda, importati mal-vapur S.S. Osiris fl-4 ta' Ottubru 1964. L-ammont ta' danni pretiż, kif dettaljat fid-dokument fol. 13 hu ta' £46.4.11.

L-appellant jippretendi illi 45 kaxxa u 39 bott ta' ħalib "Frisian Flag" u żewġ kaxxi u 17-il bott ta' ħalib "Dutch Baby" ixxarbu bix-xita waqt li kienu fil-Veranda u kellhom jinbiegħu bi prezz irħis għal skopijiet industrijali. Fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni annessa magħha jingħad illi t-tixrib sar għaliex is-soqfa ta' dik il-veranda kienu joqtru. Meta l-appellant xehed l-ewwel darba quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti hu qal: "Jiena ma ġejtx informat kif ixxarrbu dawn il-kaxxi però naħseb li bix-xita." Hu reġa' xehed quddiem din il-Qorti u qal illi barra l-okkażjoni issa in kwistjoni kien hemm diversi okkażjonijiet oħra preċedenti ta' tixrib ta' ħalib hu kellu tixrib ta' ħalib u kiteb lill-appellat l-ittra eżibita. L-ilment li għalih tirriferixxi dik l-ittra kien jirrigwarda, kif jirriżulta merkanzija mqiegħda fil-Veranda Rancun AB, iżda fl-ittra l-appellant qal illi l-Verandas kollha kienu bil-ħsara u ma kienux joffru protezzjoni lill-merkanzija storjata fihom.

Li l-merkanzija in kwistjoni ixxarbet bix-xita li kienet tidħol fil-veranda anki mis-saqaf jidher konfermat mix-xhieda ta' Victor Mifsud u Gaudenz Calleja. Victor Naudi xehed illi kemm-il darba hu personalment ġibed l-attenzjoni tas-Senior Officer mhux biss ta' dak iż-żmien imma ta' oħrajn qablu wkoll illi xi wħud mill-verandi kienu jagħmlu l-ilma u fl-okkażjoni ta' l-Osiris in partikolari kien talab lis-Senior Officer biex jekk jista' jkun ma jħottux il-merkanzija hemm għaliex il-post ma kienx tajjeb peress li kien iqattar l-ilma. B'dana kollu l-istess xhud — ħlief illi ftakar meta l-avukat ta' l-appellat urih l-ittra illi kien hemm okkażjoni oħra meta l-appellant kien ilmenta li xi ħalib importat minnu kien ixxarrab taħt it-tinda — xehed illi "la qabel u lanqas wara l-okkażjoni issa in kwistjoni qatt ma sama illi xi merkanzija taħt it-tinda ixxarbet u d-ditta tagħhom stess (ċioè d-ditta Gollcher aġenti ta' l-Osiris) qatt ma kellha ebda lment, la qabel dan il-każ u lanqas wara, illi xi merkanzija ixxarbet".

Joseph Bugeja, li dak iż-żmien kien Senior Officer il-Marsa, xehed illi sa fejn jaf hu, fuq ir-Rankun RC qatt ma sar ebda lment. L-ilment li kien għamel l-appellant f'Jannar, 1964 kien jirrigwarda ir-Rankum AB u t-tiswijiet saru. Hi ħaġa normali fid-Dipartiment illi malli jkunu jafu li hemm xi ħsara, jirrapportaw u jitolbu t-tiswija. Barra minn dan, kull sena, għall-ħabta ta' Settembru in-nies tal-Public Works Department jagħmlu inspetion ġenerali tas-soqfa kollha tal-verandi kollha biex jaraw jekk hemm xi ħsara: is-soqfa jissewwew kull sena.

Mill-kompless ta' dawn il-provi il-Qorti hi inklinata li taċċetta bħala fatt illi l-merkanzija in kwistjoni ixxarbet bix-xita li qotrot mis-saqaf jew daħlet b'mod ieħor fil-veranda fejn kienet imqiegħda. B'dan kollu tibqa' l-kwistjoni legali jekk l-appellat hux tenut li jirrispondi ta' dik il-ħsara.

Fil-kawża "Henry Zammit vs Anthony Camilleri nomine" deċiża fil-10 ta' Ottubru, 1963 si trattava ta' merkanzija ta' l-attur iddepożitata fl-Imħażen tal-Gvern magħrufa bħala "Pinto Bonded Stores" li kienet insterqet jew xort'oħra naqset. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili irriteniet illi dwar merkanzija hekk depożitata, il-Gvern tramite l-Kollettur tad-Dwana hu tenut għad-danni riżultanti min-nuqqas da parti tiegħu bħala depożitarju bi ħlas tad-diliġenza ta' "bonus pater familias". Minn dik is-sentenza ma kienx sar appell.

Fil-kawża "Misrahi vs Camilleri" wkoll — li għadha pendenti quddiem din il-Qorti si tratta ta' merkanzija li ġiet regolarment magazzinata (warehoused) fil-bonded stores. Din il-Qorti fis-sentenza parzjali tagħha ta' l-14 ta' April, 1967, għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, li kienet il-kwistjoni allura involuta, qalet illi, għalkemm bejn il-kollettur tad-Dwana u sid il-merkanzija ma jistax jingħad li hemm relazjoni verament kontrattwali, il-każ jista' jiġi assimilat għal dak ta' depo-

żitu.

Fil-każ preżenti si tratta ta' merkanzija li ma kienitx magazzinata fid-depożiti tal-Gvern iżda kienet tinsab biss, kif ġa intqal, almenu fiż-żmien li fih ġarrbet ħsara taħt it-tinda ossija veranda. Il-Qorti għalhekk mhix imsejħa f'din il-kawża biex tippronunzja ruħha dwar ir-responsabbilità o menu tal-Kollettur tad-Dwana u kwindi tal-Gvern dwar merkanzija depożitata fil-bonded stores, iżda biss dwar merkanzija li tkun tinsab fil-verandas. Din id-distinzjoni hi fil-fehma tal-Qorti rilevanti għaliex, hi x'inhi il-pożizzjoni legali dwar merkanzija ta' l-ewwel xorta, inveċe fil-każ ta' merkanzija tat-tieni xorta jirriżultaw fatturi partikolari li huma importanti.

Fit-30 ta' April, 1909 (is-sena li fiha ħarġet b'Ordinanza tad-Dwana, Kap 60) il-Kollettur tad-Dwana ippubblika Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-istess data, konċepit hekk:

**"Notice to Ship Agents and Importers"**

> Notice is hereby given that the Government is not responsible for the custody of goods landed in any Veranda or on the open quay, and that goods will remain at such places entirely at the risk of the person in whose charge they are whether the agent of the ship or the importer."

Għal sittin sena sħaħ jidher illi l-komunità kummerċjali, l-aġenti tal-vapuri u l-importaturi, aċċettaw din il-pożizzjoni ta' nuqqas ta' responsabbilità da parti tal-Gvern għar-rigward ta' merkanzija skarikata fil-verandi u fuq il-moll. Dana jidher mhux biss mix-xhieda ta' Joseph Bugeja, uffiċjal tad-Dwana prodott mill-appellat, iżda wkoll mix-xhieda prodotti mill-appellant. Joseph Bugeja xehed: "Ġeneralment il-merkanzija li tiġi storjata fix-sheds tad-Dwana jieħu ħsiebha l-aġent tal-

vapur. Dana hu l-użu ġenerali. Ġie li ta l-każ li s-soqfa jkunu joqtru u l-aġent jgħattiha bit-tarpaulin, u jagħmlu xi injam fl-art biex il-merkanzija jaqtgħuha mill-umdità u mill-ilma. F'dan ix-xogħol aħna, id-Dwana, ma nindaħlux". Victor Naudi, xhud prodott mill-appellant, u li kien impjegat bħala "delivery clerk" mad-ditta Gollcher u ilu f'dan ix-xogħol xi tmintax-il sena, xehed: "Il-merkanizja taħt it-tinda suppost li jieħu ħsiebha l-aġent, jiġifieri hu l-aġenti li hu responsabbli talmerkanzija. Jekk il-merkanzija jkun hemm bżonn li titgħatta suppost li jieħu ħsieb l-aġent. Mill-esperjenza tiegħi nista' ngħid li meta l-merkanzija tinsab taħt il-veranda, responsabbli tagħha l-aġent, iżda meta tidħol fid-depost (Bonded) jidħol responsabbli l-Gvern.........Dunnage tal-verandi ma rajt qatt imma meta kien hemm każ fejn kienet inqalgħet pjanċa missaqaf ta' waħda mill-verandi aħna stess konna għattejna l-merkanzija bl-inċirata biex ma tixxarrabx" Victor Naudi Cargo Superintendent mad-ditta Gollcher xhud ieħor prodott mill-appellant qal: "Claims lill-Insurance mill-importaturi għal ħsarat ta' merkanzija taħt it-tined ikun hemm kuljum. Qiegħed ngħid għal ħsarat ta' kull xorta (serq, ksur, tixrib) ta' merkanzija li tkun daħlet f'kondizzjoni tajba fil-veranda. Jiena ili f'dan il-ġeneru ta' xogħol xi 38 sena u, fejn naf jien, minn dejjem hekk kien isir ċioè l-"claims ta' din ix-xorta jsiru kontra l-Assikurazzjoni, ammenokkè ma jkunx hemm raġunijiet otherwise. Id-Dwana sa fejn naf jien qatt ma saret ebda claim ta' din ix-xorta."

L-appellant ma jikkontestax li s'issa din kienet dejjem issitwazzjoni. Bid-"diversi okkażjonijiet preċedenti", kif qal hu, li kien ġara tixrib f'ħalib tiegħu taħt it-tinda, hu kien dejjem għamel il-claim lill-Assigurazzjoni u din ħallsitu. Però — hu kien jgħid — ġie mument li l-Kumpanija ta' l-Assikurazzjoni għolliet il-premium imħabba l-claims: inoltri, apparti d-danni li kienet tħallas l-assigurazzjoni hu kien jitlef il-profitt fuq il-merkanzija danneġġjata għax kien ibiegħha bi prezz imnaqqas,

barra milli l-ħsara kienet tikkaġunalu ħafna xogħol. Għalhekk din id-darba, għalkemm il-merkanzija tiegħu ukoll kienet assigurata "warehouse to warehouse" u d-danni l-assigurazzjoni tħallashom, hu għamel din il-kawża biex tiddeċiedi l-Qorti jekk id-Dwana hix responsabbli.

Iżda, fil-fehma tal-Qorti, il-pretensjoni tiegħu ma tistax tiġi akkolta. L-ewwelnett il-Qorti jidhrilha illi, għalkemm merkanzija importata ma tistax, imħabba l-liġi dwar id-dwana, tiġi ritirata mill-importatur mingħajr ma jitħallas id-dazju, jekk dovut, u mingħajr ma jiġu osservati il-proċeduri u formolatijiet preskritti mil-liġi, ma jistax jingħad, rigward merkanzija sbarkata fit-tined jew fuq il-moll, illi tkun fil-kustodja ta' l-appellat, b'mod illi, rigward tagħha, hu jkollu l-obbligi ta' depożitarju. Dawna il-postijiet jidhru li huma provduti għall-konvenjenza ta' l-aġenti tal-vapuri jew l-importaturi li b'dan il-mod jistgħu provviżorjament jiżbarkaw il-merkanzija mingħajr ma jsir irrapport komplit rikjest skond l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza, u mingħajr ma jkunu kostretti li jew jiżdoganawha immedjatament jew immedjatament jimmagazzinawha. Dan meta tidher li hi fakoltà jew faċilitazzjoni li l-Gvern jagħti lill-Aġenti talvapuri u lill-importaturi li jistgħu jekk iridu jinqdew biha għal konvenjenza tagħhom. Iżda bl-avviż hawn fuq imsemmi ta' l-1909 il-Gvern iddikjara li mhux ser ikun responsabbli għall-kustodja ta' merkanzija hekk maħtuta fit-tined jew fuq il-moll u li merkanzija tali tkun f'dawn il-postijiet interament għarriskju tal-persuni responsabbli għaliha, sija aġenti tal-vapur sija importaturi.

Fil-fehma tal-Qorti din ma kienitx dikjarazzjoni illegali u, kif ġa ntqal, għal sittin sena, qatt ma jidher li ġiet impunjata, anzi jidher li ġiet aċċettata fil-prattika, mill-aġenti u l-importaturi relativament għal merkanzija hawn fuq imsemmija, għad illi jidher mill-provi — u wieħed jista' anki jassumi

illi okkażjonijiet li fihom ġrat ħsara f'merkanzija ma tul dan iż-żmien kollu ma setgħux jonqsu.

Fil-każ preżenti, apparti r-raġuni hawn fuq imsemmija ta' ordni ġenerali, hemm raġunijiet anki speċjali għaliex, fi kwalunkwe każ, il-pretensjoni ta' l-appellant ma tistax tiġi milqugħa. Anki jekk jingħad, kif jingħad fis-sentenza appellata, u din il-Qorti hi inklinata li taqbel, illi l-imsemmija dikjarazzjoni tal-kollettur tad-Dwana ma teżentax lill-Gvern mir-responsabbilità għad-danni kawżati b'dolo jew ħtija gravi, din il-Qorti hi disposta li taqbel ma l-ewwel Onorabbli Qorti illi l-fatti pruvati ma jnisslux ħtija gravi da parti ta' l-appellat (id-dolo ma hux anqas allegat). Dan anki semplicement għaliex, fil-każ preżenti, il-kawża effiċjenti tal-ħsara tista' raġonevolment tiġi attribwita lill-istess appellant. Il-merkanzija taħt it-tinda suppost li tista' ddum hemm għal erbat ijiem biss, li, skond irregolamenti, kif kienu fis-seħħ fiż-żmien rilevanti, setgħu jiġu estiżi għal sitt ijiem oħra. Ġie stabbilit illi sas-17 ta' Ottubru, 1969 ma għamlitx xita xejn. Intant, nonostanti illi, kif qal hu stess, l-appellant kien jaf jew kien jidhirlu illi l-verandi Rancun kienu kollha bil-ħsara", u kien ċar illi iktar ma jgħaddi żżmien il-probabilità li tagħmel ix-xita kienet kuljum tikber, hu la ħa ħsieb biex jirtira l-merkanzija u anqas biex idaħħalha fid-depost. L-appellat sata' kieku ried, bis-saħħa tar-regolamenti, meta għadda ż-żmien fuq imsemmi jinforza l-magazzinaġġ; iżda l-fatt illi ma eżerċitax dak id-dritt u ippermetta lill-appellat li jkompli juża mill-veranda u b'dan il-mod, kif qal ix-xhud Naudi, "jiffranka l-ispejjeż tat-trasport kif wkoll il-magazzinaġġ fid-depost" ma jneħħix illi l-appellat, b'għajnejh miftuħa, kien qed jieħu riskju li tiegħu ma jistax raġonevolment jaddibita responsabbilità lill-appellat.

Il-Qorti tixtieq tissottolinea bil-qawwa kollha illi xejn minn dak li jingħad hawn fuq m'għandu jitqies li b'xi mod jinkoraġġixxi jew jikkondanna nuqqas ta' premura da parti

tal-Awtoritajiet tad-Dwana illi iżommu l-verandi fi stat ta' manutenzjoni tajba. Dan hu servizz li l-Gvern jipprovdi evidentement fl-interess ġenerali ta' l-kummerċ u m'hux biss pjaċir lil xi aġent jew importaturi partikolari: u s-servizz jekk jiġi ipprovdut għandu evidentement ikun, kemm jista' jkun efficjenti. Inutli li jiġu provduti verandi mgħottija jew imsaqqfa jekk imbagħad ikunu bil-ħsara jew ma jagħtux l-protezzjoni li wieħed raġonevolment jistenna minn post mgħotti jew imsaqqaf. Il-fatt li d-Dwana setgħet legalment tiddeklina r-responsabbilità għall-kustodja ta' merkanzija żbarkata fil-verandi jew fuq il-moll ma jfissirx fil-fehma tal-Qorti illi l-Gvern ikun ġustifikat jekk dak is-servizz ma jiġix mogħti efficjentement u bl-aħjar mod raġonevolment possibbli, anki jekk l-ilmenti ta' nuqqas ta' l-osservanza ta' dan l-obbligu pubbliku, jekk jirrikorri, għandhom, in ġenerali, ikunu f'sedi oħra u mhux fil-Qorti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tikkonferma s-sentenza appellata: iżda tordna li l-ispejjeż sew ta' prim'istanza kemm ta' l-appell jibqgħu bla taxxa.